Dan id-dokument ġie magħmul bil-ħsieb li jintuża bħala għodda ta' dokumentazzjoni u l-istituzzjonijiet ma jassumu l-ebda responsabbiltà għall-kontenut tiegħu

►**B** **REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 823/2012**

tal-14 ta' Settembru 2012

li jagħti deroga mir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 540/2011 fir-rigward tad-dati tal-iskadenza tal-approvazzjoni tas-sustanzi attivi 2,4-DB, l-aċidu benżojku, il-beta-ċiflutrin, l-etil tal-karfentrażon, ir-razza *Coniothyrium minitans* CON/M/91-08 (DSM 9660), iċ-ċjażofammid, iċ-ċiflutrin, id-deltametrina, id-dimetenammid-P, l-etofumesat, l-etossisulfuron, il-fenamidon, il-flażasulfuron, il-flufenaket, il-flurtamon, il-foramsulfuron, il-fostijażat, l-imażamoks, l-iodosulfuron, l-iprodion, l-isossaflutol, il-linuron, l-idrażidu malejku, il-mekoprop, il-mekoprop-P, il-meżosulfuron, il-meżotrion, l-ossadiarġil, l-ossasulfron, il-pendimetalina, il-pikossistrobin, il-piraklostrobin, il-propikonażol, il-propineb, il-propossikarbażon, il-propiżammid, is-siltofamu, it-triflossistrobin, il-warfarin u ż-żossammid

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

(ĠU L 250, 15.9.2012, p. 13)

Emendat minn:

		Ġurnal Uffiċjali		
		Nru	Paġna	Data
►**M1**	Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 186/2014 tas-26 ta' Frar 2014	L 57	22	27.2.2014

▼B

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 823/2012

tal-14 ta' Settembru 2012

li jagħti deroga mir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 540/2011 fir-rigward tad-dati tal-iskadenza tal-approvazzjoni tas-sustanzi attivi 2,4-DB, l-aċidu benżojku, il-beta-ċiflutrin, l-etil tal-karfentrażon, ir-razza *Coniothyrium minitans* CON/M/91-08 (DSM 9660), iċ-ċjażofammid, iċ-ċiflutrin, id-deltametrina, id-dimetenammid-P, l-etofumesat, l-etossisulfuron, il-fenamidon, il-flażasulfuron, il-flufenaket, il-flurtamon, il-foramsulfuron, il-fostijażat, l-imażamoks, l-iodosulfuron, l-iprodion, l-isossaflutol, il-linuron, l-idrażidu malejku, il-mekoprop, il-mekoprop-P, il-mežosulfuron, il-mežotrion, l-ossadiarġil, l-ossasulfron, il-pendimetalina, il-pikossistrobin, il-piraklostrobin, il-propikonażol, il-propineb, il-propossikarbażon, il-propiżammid, is-siltofamu, it-triflossistrobin, il-warfarin u ż-żossammid

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 1107/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Ottubru 2009 dwar it-tqegħid fis-suq ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti u li jħassar id-Direttivi tal-Kunsill 79/117/KEE u 91/414/KEE ([1]), u b'mod parikolari t-tieni paragrafu tal-Artikolu 17 tiegħu,

Billi:

(1) Għas-sustanzi attivi stabbiliti fil-Parti A tal-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 540/2011 tal-25 ta' Mejju 2011 li jimplimenta r-Regolament (KE) Nru 1107/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill f'dak li għandu x'jaqsam mal-lista ta' sustanzi attivi approvati ([2]) li għalihom approvazzjonijiet jiskadu qabel l-14 ta' Ġunju 2014, l-applikanti ma setgħux jagħtu l-avviż ta' tliet snin meħtieġ skont l-Artikolu 15(1) tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009 fir-rigward ta' applikazzjonijiet għal tiġdid.

(2) Għalhekk, huwa neċessarju li jkun estiż il-perijodu ta' approvazzjoni ta' dawk is-sustanzi attivi filwaqt li jkunu kkunsidrati l-elementi pprovduti fit-tielet paragrafu tal-Artikolu 17 tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009.

(3) Fid-dawl tal-għan tat-tieni paragrafu tal-Artikolu 17 tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009, fir-rigward ta' każijiet fejn l-ebda applikazzjoni ma tkun sottomessa tliet snin qabel id-data tal-iskadenza rispettiva stabbilita fl-Artikolu 1 ta' dan ir-Regolament, il-Kummissjoni se tistabbilixxi data ta' skadenza fl-istess data qabel dan ir-Regolament jew fl-eqreb data wara.

(4) Fid-dawl tal-għan tat-tieni paragrafu tal-Artikolu 17 tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009, fir-rigward ta' każijiet fejn il-Kummissjoni se tadotta Regolament li jipprovdi li l-approvazzjoni ta' sustanza attiva msemmija fl-Artikolu 1 ta' dan ir-Regolament ma tiġġeddidx minħabba li l-kriterji għall-approvazzjoni mhumiex sodisfatti, il-Kummissjoni se tistabbilixxi data ta'

([1]) ĠU L 309, 24.11.2009, p. 1.
([2]) ĠU L 153, 11.6.2011, p. 1.

▼B

skadenza fl-istess data bħal qabel dan ir-Regolament jew fid-data tal-adozzjoni tar-Regolament li jipprovdi li l-approvazzjoni ta' sustanza attiva ma tiġġeddidx, skont liema data hi l-aktar tard.

(5) Il-miżuri sabbiliti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali u la l-Parlament Ewropew u lanqas il-Kunsill ma opponewhom,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Dati tal-iskadenza

B'deroga mill-Parti A tal-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 540/2011, dawn id-dati tal-iskadenza li ġejjin għandhom japplikaw:

▼M1

(1) il-31 ta' Lulju 2016, fir-rigward tas-sustanzi attivi: l-etofumesat (entrata 29), l-imażamoks (entrata 41), l-ossasulfron (entrata 42), il-foramsulfuron (entrata 44), iċ-ċjażofammid (entrata 46), il-linuron (entrata 51), il-pendimetalina (entrata 53), it-triflossistrobin (entrata 59), l-etil tal-karfentrażon (entrata 60), il-meżotrion (entrata 61), il-fenamidon (entrata 62), u l-isossaflutol (entrata 63);

▼B

(2) Il-31 ta' Ottubru 2016, rigward is-sustanzi attivi: id-deltametrina (entrata 40), 2,4-DB (entrata 47), il-beta-ċiflutrin (entrata 48), iċ-ċiflutrin (entrata 49), l-iprodion (entrata 50) l-idrażidu malejku (entrata 52), il-flurtamon (entrata 64), il-flufenaket (entrata 65), l-iodosulfuron (entrata 66), id-dimetenammid-P (entrata 67), il-pikossistrobin (entrata 68), il-fostijażat (entrata 69), is-siltofamu (entrata 70) u r-razza *Coniothyrium minitans* CON/M/91-08 (DSM 9660) (entrata 71);

(3) Il-31 ta' Jannar 2017, rigward is-sustanzi attivi: Il-propineb (entrata 54), il-propiżammid (entrata 55), il-mekoprop (entrata 56), il-mekoprop-P (entrata 57), il-propikonażol (entrata 58), il-meżosulfuron (entrata 75), il-propossikarbażon (entrata 76), iż-żossammid (entrata 77), l-aċidu benżojku (entrata 79), il-flażasulfuron (entrata 80) u l-piraklostrobin (entrata 81);

▼M1

(4) il-31 ta' Marzu 2014, fir-rigward tas-sustanzi attivi: etossisulfuron (entrata 43), ossadiargil (entrata 45) u warfarin (entrata 120).

▼B

Artikolu 2

Dħul fis-seħħ

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-20 jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.